MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 92/2024 LM

**Julio Azzopardi (K.I. nru. 182770M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Solar Engineering Limited (C47487)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Solar Engineering Limited (C 47487)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Julio Azzopardi (K.I. nru. 182770M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

*"It-Tribunal ma ġiex konvint li d-deċiżjoni tas-Soċjetà ntimata li ttemm l-impjieg tal-Appellant kienet waħda bbażata fuq raġunijiet li kienu jimmeritaw liċenzjament, iżda huwa moralment konvint li tali deċiżjoni kienet xprunata minn ċirkostanzi li jmorru lil hinn minn dak li kien iseħħ fuq il-post tax-xogħol.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti ma kinitx waħda ġusta.*

*F'dan il-kuntest kif spjegat it-Tribunal iffissa l-kumpens totali dovut lil Azzopardi fis-somma totali ta' €9,000.*

*Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg mas-Soċjetà ntimata kienet ta' kważi ħames snin, dam bla xogħol għal xahar, u li huwa jippossjedi l-esperjenza neċessarja li ċertament jagħmluha mhux diffiċli li jerġa' jikseb impjieg b'kundizzjonijiet komparabbli ma' dak li kellu mas-Soċjetà intimata.*

*Dan it-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deċiża nhar 8 ta' Marzu, 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deċiża mill-istess fit-23 ta' April 2018 fejn ġie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal għandu diskrezzjoni, u fejn din tkun proporzjonata jew raġonevoli' u li l-Arbitru tat-Tribunal għandu jkun wieħed boni viri bażat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-bonus pater familias.".*

## **Fatti**

2. Dan huwa t-tielet appell li qiegħed jinġieb quddiem din il-Qorti, wara li t-Tribunal Industrijali ta deċiżjoni tiegħu fid-19 ta' April, 2023 li permezz tagħha kkonkluda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għal raġunijiet mhux ġusti, u għalhekk għadda biex jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), liema ammont kellu jitħallas lir-rikorrent mis-soċjetà intimata fi żmien sitt ġimgħat. Is-soċjetà intimata appellat minn dik id-deċiżjoni, u b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2024, l-atti ntbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikjedi

l-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 u s-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, u dan minħabba li r-raġunijiet li ngħataw mit-Tribunal għall-*quantum* tal-kumpens likwidat ġew meqjusa li kienu pjuttost xotti, u għalhekk is-soċjetà appellanta ma setgħetx tressaq appell motivat abbażi ta' dak li ġie deċiż. L-atti nbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali li ta deċiżjoni oħra fit-13 ta' Marzu, 2024. Minn dik id-deċiżjoni kien reġa' sar appell ieħor quddiem din il-Qorti, li fis-16 ta' Ottubru, 2024 iddeċidiet li t-Tribunal Industrijali xorta waħda naqas milli josserva d-direzzjoni mogħtija bis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar, 2024, u għalhekk reġgħet irrimandat l-atti lura mill-ġdid quddiem it-Tribunal.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

3. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2024, qal illi:

*"In seguito tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 17/2024 LM fejn ordna li jintbagħtu l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali ħalli jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza, u jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikjedu l-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, u s-Subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18.*

*Paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 jgħid:*

"F'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew jerġa' jiġi impegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija.

Iżda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis **id-danni reali u t-telfien** li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta **kif ukoll ċirkostanzi oħra**, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

*Subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, jgħid:*

"Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u m'għandhomx jispeċifikaw bid-dettalji u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew sentenza imma jistgħu jagħmlu riferenza għax-xhieda prinċipali li tinstema'." *It-Tribunal madanakollu, għandu jagħmilha ħaġa ċara bid-deċiżjoni jew is-sentenza tiegħu illi l-argumenti kollha li għandhom x'jaqsmu u li jitressqu miż-żewġ partijiet għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni."*

*Fid-dawl tal-leġislazzjoni fuq riferuta dan it-Tribunal jerġa' jagħmilha ċara illi kif mistqarr fid-deċiżjoni li kienet ingħatat minnu nhar id-19 ta' April, 2023, li:*

"Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li **t-terminazzjoni tal-impjieg tal-apperllanti ma kinitx waħda ġusta**. U dan wara li: "It-Tribunal ma kienx konvint li d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata ttemm l-impjieg tal-appellant kienet waħda bbażata fuq raġunijiet li kienu jimmeritawa liċenzjament, iżda huwa moralment konvint li tali deċiżjoni kienet xprunata minn ċirkostanzi li jmorru lil hinn minn dak li kien iseħħ fuq il-post tax-xogħol."

*Fir-rigward tal-kumpens għat-tkeċċija inġusta fejn dan it-Tribunal iffissa kumpens ta' €7,500, jispega li huwa ħa konsiderazzjoni tal-fatt li l-modalità ta' tali liċenzjament, meqjus fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva bħala l-piena kapitali, seħħ fl-inkwadratura tal-ħames (5) snin servizz li Julio Azzopardi serva lill-kumpannija Solar Engineering Limited, fejn qabel safa mkeċċi kellu salarju ta' €1,500 fix-xahar. Dan it-Tribunal ikkunsidra wkoll, il-ħsara li sofra Azzopardi fejn kienet imtappna r-reputazzjoni tiegħu b'varji allegazzjonijiet fosthom ta' tbagħbis fir-*records *tal-kumpannija, immaniġġjar ħażin ta' flus tal-kumpannija u skartar minn fuq il-post tax-xogħol. F'dan l-isfond dan it-Tribunal, bħala kumpens iffissa €1,500 għal kull sena u parti servizz mogħti minn Azzopardi lill-kumpannija u ċioe €1,500 għal 5 darbiet li jammontaw għal €7,500.*

*Biex wasal għall-kumpens addizzjonali ta' €1,500 bħala, dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni l-fatt li Azzopardi dam xahar diżimpjegat sakemm sab impjieg ieħor u li matul dan il-perijodu huwa ma kellu l-ebda dħul tant li huwa kien eskluż milli jibbenefika mill-benefiċċju tal-qgħad peress li l-kumpannija kienet irreġistrat ir-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu bħala azzjoni dixxiplinarja. Dan it-Tribunal ekwipara l-ammont ta' €1,500 bħala kumpens, ma' xahar salarju li Azzopardi kellu mal-kumpannija meta huwa safa mkeċċi inġustament mix-xogħol.*

*F'dan il-kuntest kif spjegat it-Tribunal iffissa l-kumpens totali dovut lil Azzopardi fis-somma totali ta' €9,000."*

**L-Appell**

4. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tal-1 ta' Novembru, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tilqa' dan l-appell tas-soċjetà Solar Engineering Limited, u f'każ ta' nuqqas ta' kompetenza li tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ hi b'mod definittiv, tirrimanda lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jiddeċiedi l-każ kif titlob il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

5. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal għal darb'oħra reġa' naqas milli jibdel xi ħaġa mid-deċiżjonijiet preċedenti tad-19 ta' April, 2023 u tat-13 ta' Marzu, 2024, minkejja li l-atti reġgħu ġew rimandati quddiem it-Tribunal, u qalet li l-aħħar deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tista' pjuttost titqies li hija agħar mit-tnejn ta' qabilha.

6. L-appellat wieġeb għal dan ir-rikors tal-appell billi qal li s-sentenza tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata għaliex hija ġusta, u għalhekk timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. In sostenn tal-aggravju tagħha, s-soċjetà appellanta spjegat li t-Tribunal għal darb'oħra naqas milli jispjega għal liema raġunijiet illikwida l-kumpens ta' disat elef Euro (€9,000) li għandu jitħallas lill-appellat, u b'liema mod dan l-ammont ġie likwidat. Qalet li t-Tribunal reġa' ma ta l-ebda ħjiel dwar dak li ġie kkunsidrat minnu meta wasal għaċ-ċifra ta' €9,000 bħala kumpens li għandu

jitħallas lill-appellat għat-terminazzjoni inġusta mill-impjieg, u għal darb'oħra uża l-frażi *'ċirkostanzi oħra'.* Qalet li bid-deċiżjoni tat-13 ta' Marzu, 2024, it-Tribunal qasam il-kumpens minnu likwidat fl-ammont ta' €7,500 bħala kumpens għat-tkeċċija mhux ġustifikata, u l-ammont ta' bħala €1,500 xahar paga, kumpens għad-danni li ġarrab l-appellat sakemm sab impjieg ieħor. Qalet li din id-darba, dak li għamel it-Tribunal kien li kompla qasam l-€7,500 li kien illikwida fuq perijodu ta' ħames snin, jiġifieri €1,500 fis-sena, u reġa' naqas milli jagħti l-motivazzjoni tiegħu dwar kif wasal għal din is-somma. L-appellanta qalet li l-appellat ma damx ħames snin fl-impjieg magħha, iżda t-Tribunal xorta waħda llikwida l-kumpens daqslikieku l-appellat dam fl-impjieg magħha ħames snin sħaħ, u akkordalu kumpens ta' €1,500 għal kull sena, jew parti minn sena li dam fl-impjieg magħha. Qalet ukoll li t-Tribunal illikwida kumpens addizzjonali ta' €1,500 għaż-żmien sakemm l-appellat sab impjeg ieħor, u b'mod żbaljat qies li huwa dam mingħajr impjieg xahar sħiħ, meta l-appellat dam anqas minn xahar sakemm sab impjieg alternattiv ma' kumpannija oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li kien jinkombi fuq l-appellat li jressaq prova tad-danni u tat-telf li sofra għaż-żmien li dam qiegħed, billi juri meta kienet l-aħħar ġurnata fl-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta, u jipprova meta kienet l-ewwel ġurnata tiegħu fl-impjieg il-ġdid. Qalet li l-appellat xorta waħda tħallas tal-*leave* minkejja li ma kienx qiegħed jersaq lejn il-post tax-xogħol.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ma ġab l-ebda prova tad-dħul bażiku tiegħu mill-impjieg tiegħu magħha, u dan meta tali prova kienet tinkombi fuqu, u għalhekk għandu jirriżulta li s-salarju bażiku li ħadem fuqu t-Tribunal huwa wieħed arbitrarju, mhux sorrett mill-provi, u fi kwalunkwe każ kellhom jitnaqqsu minnu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-ħlas tat-taxxa dovuta

mill-appellat, u l-ħlas ta' *commissions* li ma sarux lill-appellat minħabba li dan ma kienx qiegħed jidħol ix-xogħol, u għalhekk ma kien qiegħed jirreġistra l-ebda bejgħ. Is-soċjetà appellanta qalet li għal darb'oħra t-Tribunal reġa' naqas milli jikkunsidra dan il-każ bil-mod li kien jixraqlu, u filwaqt li s-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18 ma jirrikjedix mingħand it-Tribunal motivazzjoni dettaljata, il-motivazzjoni mogħtija mit-Tribunal f'dan il-każ tonqos gravement milli tissodisfa dak rikjest mil-liġi għaliex hija fqira u nieqsa miċ-ċarezza. Is-soċjetà appellanta qalet li l-motivazzjoni għandha sservi sabiex il-partijiet jifhmu aħjar dak li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni minnu meħuda mingħajr ħafna konġetturi dwar dak li seta' kien l-intendiment tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li likwidazzjoni bbażata fuq it-tul ta' żmien li l-appellat kien ilu fl-impjieg tagħha mhijiex ġustifikata, u dan għaliex huwa dejjem tħallas tax-xogħol li għamel waqt li kien impjegat magħha, kien jirċievi kummissjonijiet fuq il-bejgħ, u anki *allowances* u *bonuses* statutorji. L-appellanta saħqet illi filwaqt li l-liġi tagħti ċerta diskrezzjoni lit-Tribunal, din id-diskrezzjoni trid tintuża b'mod li jkun motivat u raġonevoli. L-appellanta qalet wkoll li l-ammont likwidat ma jirriflettix id-danni allegatament sofferti mill-appellat minħabba t-tkeċċija inġusta, u żiedet tgħid li hija għandha dritt tkun taf ir-raġunijiet li wasslu lit-Tribunal għal din id-deċiżjoni, sabiex tkun tista' tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell. Saħqet li t-Tribunal kellu u għad għandu obbligu jispjega l-mod kif wasal sabiex ikkomputa d-danni li għandhom jitħallsu lill-appellat mill-appellanta, u kellu jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu dwar il-*quantum* tal-kumpens likwidat. Qalet li l-liġi hija ċara u li meta t-Tribunal jillikwida l-kumpens, dan ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni li għandu, u għalhekk għandu jispjega kif wasal għas-somma hekk likwidata. Qalet li minkejja li t-Tribunal għandu ċerta diskrezzjoni, b'daqshekk

ma jfissirx li dan jista' jaqbad u jfajjar ċifra kif ġie ġie, u din id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata b'kawtela, u b'mod li jagħmel sens skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li apparti li ma ġab l-ebda prova tat-telf attwalment soffert minnu, l-appellat naqas milli jispjega b'liema mod huwa ġarrab danni minħabba t-terminazzjoni tal-impjieg, u fost l-oħrajn ma qalx jekk huwa kellux diffikultà biex isib xogħol alternattiv wara li tkeċċa, jew jekk ix-xogħol li sab kellux kundizzjonijiet inferjuri għal li kellu qabel. Qalet li t-Tribunal, fl-iffissar tal-kumpens kellu jqis *'id-danni reali'* u *'t-telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi'*, u kif u b'liema mod din it-tkeċċija affettwat *'il-potenzjal tal-impjieg tal-appellat'*, imma li t-Tribunal naqas milli jagħmel dan.

10. L-appellat min-naħa tiegħu spjega li f'dan l-istadju, għandu jsir riferiment għall-qafas legali li jirregola l-mod kif it-Tribunal Industrijali għandu jillikwida l-kumpens, jiġifieri l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat għamel riferiment wkoll għar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali (L.S. 452.18), li jgħidu li minkejja li d-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub, dawn m'għandhomx jispeċifikaw bid-dettall ir-raġunijiet għad-deċiżjoni jew sentenza. L-appellat qal li mad-daqqa t'għajn għandu jirriżulta li t-Tribunal ikkunsidra sewwa dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi u r-raġunar u l-motivazzjoni mogħtija minnu ċertament li jissodisfaw l-oneru impost mil-liġi. Qal li għalhekk żgur li ma jistax jingħad li t-Tribunal fajjar ammont mingħajr motivazzjoni ta' xejn.

11. L-appellat qal li l-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata tinkludi l-motivazzjoni li wasslet lit-Tribunal biex jillikwida l-kumpens, u dik l-ispjegazzjoni

kienet aktar minn biżżejjed biex is-soċjetà appellanta tifhem x'wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni dwar il-*quantum*. Qal li t-Tribunal evalwa sewwa l-provi li kellu quddiemu, u fil-fatt ġie ppruvat li l-aħħar paga li kellu l-appellat kienet ta' €1,500, wara li ġiet ippreżentata kopja ta' *cheque* bil-kitba ta' Anthony Saliba stess. Qal li għandu jirriżulta wkoll li din il-prova qatt ma ġiet ikkontestata bl-ebda mod. Qal li hemm ċirkostanzi oħra li ħarġu waqt il-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, fosthom il-fatt li s-soċjetà appellanta tappnet ir-reputazzjoni tiegħu bl-allegazzjonijiet infondati li saru minnha, inkluż li huwa seraq mill-kumpannija, li abbuża mir-relazzjoni li kellu ma' oħt il-mara tad-direttur, jew li kien hemm xi forma ta' miżappropriazzjoni u abbuż bis-sistema tal-*punching.* Qal li l-ebda waħda minn dawn l-allegazzjonijiet ma rriżultat li kienet vera. Qal li l-appellanta ma ressqet l-ebda argument konvinċenti biżżejjed għalfejn il-Qorti għandha tibdel il-*quantum* tal-kumpens mogħti mit-Tribunal, u l-ġurisprudenza hija kostanti fis-sens li t-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa fil-likwidazzjoni tal-kumpens. L-appellat qal li din hija diskrezzjoni li għandha tiġi eżerċitata mit-Tribunal b'mod *boni viri,* u għandha tkun imsejsa fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-*bonus paterfamilias,* u b'hekk jinżamm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kif rikonċiljati mal-eżerċizzju korrett tal-poteri tiegħu fl-ambitu tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. L-appellat żied jgħid li dan l-artikolu mhux eżawrjenti, u għandu jittieħed qies ukoll ta' dak li jkun sofra l-impjegat, anki mil-lat ta' danni morali, bħala konsegwenza tal-isfiduċja inġusta li jintwera mill-prinċipal tiegħu. Żied jgħid li l-ġurisprudenza tissenjala wkoll li t-Tribunal għandu jagħti sentenza ġusta u motivata, iżda m'għandhiex tinkludi raġunijiet fit-tul. Qal ukoll li t-Tribunal jista' jikkunsidra ċirkostanzi oħra minbarra dawk imsemmija bil-liġi, tant li d-diċitura hija waħda indikattiva u

mhux eżawrjenti. L-appellat qal li ladarba ma ġiex muri li t-Tribunal wasal għal kumpens manifestement inekwu jew sproporzjonat, m'hemmx lok li l-*quantum* tal-kumpens jiġi ridott, u l-ġurisprudenza tal-Qorti hija fis-sens li sabiex ikun hemm reviżjoni min-naħa tagħha, iridu jikkonkorru ċirkostanzi li juru li t-Tribunal uża d-diskrezzjoni tiegħu biex jiġi ffissat kumpens b'mod manifestament inekwu u sproporzjonat. Qal li dan mhux il-każ hawnhekk.

12. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li minkejja li l-atti ġew rimandati lura quddiem it-Tribunal għal darba, darbtejn, dan baqa' ma bidel xejn mid-deċiżjoni oriġinali tiegħu. Hawnhekk il-Qorti trid tippreċiża, li minkejja li minkejja li s-soċjetà appellanta setgħet kienet qed taħseb li l-*quantum* tal-kumpens kien ser jitnaqqas wara l-ewwel appell intavolat minnha, din il-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza tagħti ordni bħal dik, u setgħet biss tagħti direzzjoni lit-Tribunal jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu, u dan sabiex taċċerta li l-ispirtu u t-test tal-liġi jiġi osservat. Wara li t-Tribunal fl-ewwel deċiżjoni tiegħu qies li l-appellat tkeċċa mill-impjieg inġustament, iddeċieda wkoll li dan għandu jitħallas kumpens u/jew danni fl-ammont ta' disgħat elef Euro (€9,000) wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat inġustament. Is-soċjetà appellanta kienet appellat minn dik id-deċiżjoni għaliex fil-fehma tagħha ma kinitx motivata biżżejjed. Din il-Qorti dehrilha li s-soċjetà appellanta kellha raġun fl-aggravju mressaq minnha, u għalhekk irrimandat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jottempera ruħhu mad-direzzjoni li kienet qiegħda tagħtih il-Qorti. Is-soċjetà appellanta reġgħet ma kinitx sodisfatta bir-raġunijiet jew bil-motivazzjoni mogħtija mit-Tribunal, u għal darb'oħra reġgħet resqet quddiem din il-Qorti bl-appell tagħha. Għal darba oħra din il-Qorti tat raġun lis-soċjetà appellanta, u ddireġiet lit-Tribunal jagħti motivazzjoni aktar ċara dwar kif

illikwida l-kumpens favur l-appellat. Iżda bl-aggravju mressaq minnha fil-proċeduri odjerni, is-soċjetà appellanta qiegħda tilmenta li minkejja li l-atti ġew rimandati lura quddiem it-Tribunal, dan baqa' ma biddel xejn mid-deċiżjoni oriġinali tiegħu. Għall-Qorti dan ifisser biss li s-soċjetà appellanta qiegħda tistenna li jkun hemm tnaqqis fil-*quantum* likwidat, u fil-fatt fir-rikors tal-appell tagħha tgħid li ma nġabux provi suffiċjenti da parti tal-appellat tat-telf u tad-danni sofferti minnu, u lanqas ma nġabu provi dwar kemm kien id-dħul tiegħu meta kien fl-impjieg tagħha, sabiex b'hekk issostni li l-kumpens likwidat huwa wieħed mhux mistħoqq.

13. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal spjega li huwa uża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex illikwida l-ekwivalenti ta' xahar salarju għal kull sena, jew parti minn sena, li l-appellat kien ilu fl-impjieg mas-soċjetà appellanta. L-aħħar salarju tal-appellat jirriżulta mill-provi li kien fl-ammont ta' €1,500, u għalhekk it-Tribunal ibbaża ruħhu fuq dak l-ammont. Il-Qorti tirrileva li f'*fol.* 466 tal-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, hemm esebit *cheque* li jindika li f'xahar partikolari l-appellat tħallas total ta' €2,000 mis-soċjetà appellanta, li €500 minnhom kienu *commission* fuq il-bejgħ. Ta' min ifakkar ukoll li l-appellat kien jaħdem bħala *sales manager* fil-ħanut li s-soċjetà appellanta kellha l-Mosta, u għalhekk is-salarju tiegħu kien wieħed li jirrifletti dik ir-responsabbilità. Għaldaqstant ma qalitx il-verità s-soċjetà appellanta meta qalet li l-*quantum* tal-kumpens li wasal għalih it-Tribunal huwa wieħed arbitrarju jew li mhux minnu li l-appellat kien jitħallas dak is-salarju, għaliex dan jirriżulta mill-atti. Jirriżulta wkoll li t-Tribunal ikkunsidra li ladarba l-appellat għamel għadd ta' ġranet ma jaħdimx, kważi xahar, is-soċjetà appellanta kellha tħallas l-ekwivalenti ta' xahar salarju għal dak ix-xahar li matulu l-appellat la kien qiegħed jaħdem u lanqas seta' jirċievi xi

forma ta' benefiċċju soċjali minħabba li fuq il-formuli uffiċjali ta' Jobsplus tniżżel li huwa tkeċċa mill-impjieg għal raġunijiet dixxiplinarji. Kienu dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lit-Tribunal għall-konklużjoni tiegħu, kif ġie spjegat fid-deċiżjoni appellata, u dan għaliex fil-fehma tat-Tribunal, iċ-ċirkostanzi kif seħħew ħolqu sitwazzjoni fejn l-appellat spiċċa bir-reputazzjoni tiegħu mtappna u f'sitwazzjoni fejn saritlu ħsara personali bl-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu.

14. Il-Qorti tqis li bl-ispjegazzjonijiet ampji li ngħataw mit-Tribunal, partikolarment dwar il-mod kif id-disgħat elef Euro (€9,000) li s-soċjetà appellanta ġiet ordnata tħallas lill-appellat bħala kumpens ġew spartiti, dan qeda l-obbligi imposti fuqu bl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, u bis-subregolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18. Tfakkar ukoll li appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' dritt, u hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kenneth Vella *vs.* Seabank Catering Limited**[1], fejn ingħad:

> *"Pretest bħal dan ma jistax jattira lejh ir-reviżjoni tal-apprezzament ta' fatt li jkun sar mit-Tribunal. L-invers kien ikun il-każ kieku s-soċjetà appellanti wriet li jeżisti punt ta' liġi jew li t-Tribunal ikun skorrettement enunċja prinċipju tal-liġi, għax allura f'każ bħal dan il-Qorti tkun tista' tirrevedi l-apprezzament magħmul in bażi għall-ipotesi skorretta tal-liġi;*
>
> *Hu prinċipju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' liġi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza mogtħija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet oħra fejn id-dritt tal-appell hu hekk limitat għal "punt ta' liġi" irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem ieħor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni espliċita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward tal-element tal-prova aċċertat, u mhux, sempliċiment kif inhu l-*

[1] 23.05.2008.

*każ ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma għamilx indaġini sewwa tal-kawża tal-liċenzjament."*

15. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tiċħad l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi, fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**